MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2000

Citazzjoni Numru. 515/2000/1

**George CASSAR f'ismu u bhala prokuratur tal-assenti Tereza mart Raymond Buttigieg, John f'ismu u bhala prokuratur tal-assenti Olga mart Joseph Ellul u Pauline mart Richard Moverly, Suor Laura, fis-seklu Margaret, Maria mart Carmelo Galea, Carmela mart Carmelo Borg, Espedito, Agnes mart Emmanuel Marmara', ahwa Cassar**

**vs**

**Emanuel FALZON u martu Mary Falzon.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni pprezentat fis-17 ta’ Marzu, 2000 li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuti mizzewgin Falzon kellhom b’enfitewsi temporanea minghandhom il-hanut numru wiehed u ghoxrin (21), Triq Manoel, Gzira, ghal zmien wiehed u ghoxrin (21) sena mill-ghaxra (10) ta’ Frar, elf disa’ mija u tmienja u sebghin (1978), liema terminu skada fid-disgha (9) ta’ Frar, elf disa’ mija u disgha u disghin  (1999);

Illi l-konvenuti krew il-hanut lil Paulino Schembri u martu Ursola ta’ nazzjonalita’ stranjiera, b’kitba li ggib id-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Marzu, tal-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995);

Illi, fuq talba tal-atturi, il-konvenuti tawhom biss estratt minn dik il-kitba, u qed jirrifjutaw li jaghtuhom il-kitba shiha;

Illi li l-kirja tal-imsemmi hanut mhix valida fir-rigward tal-attur sidien tieghu, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-kirja fuq imsemmija tal-hanut numru 21, Triq Manoel, Gzira, ma saritx b'kundizzjonijiet gusti;

2. Tannulla u thassar l-istess kirja u tordna lill-konvenuti jirritornawlhom dak il-fond fit-terminu qasir u perentorju li jigi ffissat minnha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar, 1999, kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa mill-attur George Cassar a fol 3 tal-process u il-lista tax-xiehda u l-erba' dokumenti mehmuza maghha;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tad-9 ta' Gunju, 2000, a fol 17 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenuti tat-12 ta’ Gunju, 2000 (f’pagna 21 tal-process), li permezz tieghu huma talbu lill-Qorti taghtihom il-jedd li jippresentaw eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti (diversament komposta) tat-13 ta’ Gunju, 2000;

Rat it-twegiba tal-atturi tal-11 t’Awissu, 2000, (f’pagna 25 tal-process) li biha opponew it-talba tal-konvenuti;

Rat id-degriet ta’ din il-Qorti (kif presentement komposta) tas-17 t’Awissu, 2000, li bih il-konvenuti gew imhollija jippresentaw in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri kif talbu, bla pregudizzju ghall-kwestjoni dwar jekk hix fondata;

Rat in-Nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti (f’pagna 28 tal-process) li biha eccepew l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris* billi l-valur lokatizju tal-fond in kwestjoni huwa ta’ anqas minn elf lira fis-sena;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghall-provvediment dwar dan l-episodju;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan il-provvediment huwa limitat ghal decizjoni dwar jekk l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti hijiex ammissibbli f'dan l-istadju;

Illi l-avukat tal-atturi jghid li, minhabba n-natura tal-eccezzjoni din saret barra minn waqtha u messha nghatat fil-bidu, jigifieri malli giet presentata n-Nota tal-eccezzjonijiet ewlenija. Zied jghid li ladarba din l-eccezzjoni ma gietx imsemmija mill-bidu, allura saret intempestivament u m'ghandhiex tigi kunsidrata;

Illi, min-naha l-ohra, l-avukat tal-konvenuti jtenni li l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni ma ssemmietx bi svista, u kemm hu hekk, il-konvenuti ntebhu li kienu naqsu li jsemmuha ftit jiem wara u meta z-zmien originali ta' ghoxrin jum li fih huma setghu jikkontestaw il-kawza kien ghadu m'ghalaqx. Hu ssokta jghid li l-istadju li fih kienet waslet il-kawza sa dak inhar kien ghadu *in limine litis* billi l-ewwel smigh tal-kawza ma kienx ghadu sar;

Illi l-ammissibilita' ta' eccezzjonijiet ulterjuri u l-mod kif jistghu jitressqu waqt is-smigh tal-kawza huma regolati mil-ligi nnifisha, ukoll bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi procedurali bl-Att XXIV tal-1995. Filwaqt li l-artikolu 158 (11) tal-Kap 12 jipprovdi dwar il-principju ta' zieda u bdil fin-Nota tal-eccezzjonijiet originali ukoll sa zmien wara li l-atturi jkunu temmew il-provi taghhom imma qabel ma l-konvenut jibda jressaq il-provi tieghu, l-artikolu 728 (2) jindika l-procedura li ghandha tigi segwita biex dan jista' jsir dwar certi eccezzjonijiet;

Illi l-eccezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni minhabba valur taqa' fil-kategorija ta' eccezzjonijiet dilatorji, u, skond ma jipprovdi l-artikolu 730 tal-Kap 12, id-decizjoni tal-Qorti dwar jekk tali eccezzjoni hix fondata ghandha tinghata b'kap ghaliha jew qabel inkella mas-sentenza fuq il-mertu;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti, il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuti saret f'waqtha, u saret ukoll f'fazi tal-kawza li ma jistax jitqies li l-istess konvenuti kienu rrinunzjaw ghaliha;

Ghal dawn il-motivi, u minghajr ma qeghda ssir stqarrija dwar il-fondatezza taghha, il-**Qorti qeghda tiddikjara bhala ammissibbli l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti** dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris* u thalli l-kawza ghall-provi u trattazzjoni tal-istess eccezzjoni ghall-udjenza ta' nhar l-ewwel (l), ta' Frar, 2001, tissejjah fil-12.30p.m.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu riservati ghall- gudizzju dwar il-fondatezza o meno tal-eccezzjoni nnifisha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------